MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 70/2007

Il-Pulizija
(Spt. K. Farrugia)
Vs
Keith Bezzina
Lineker D. Micallef

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

1. Fi Triq il-Qronfol, San Gwann u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-3 u l-5 ta' Novembru, 2006 ikkommettew serq ta' apparat tal-hi-fi (Pioneer CD player), u Lm5.00 (hames liri Maltin), minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBG 461 ghad-dannu ta' Anthony Cassar, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fi Triq il-Wied tal-Imsida, Imsida, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer nhar it-3 ta' Novembru, 2006 ikkommettew serq ta' apparat hi-fi (amplifier/w subwoofers/boost gauge) minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBE 308 ghad-dannu ta' George Giordmaina, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fi Triq Ganu, Birkirkara, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-3 ta' Novembru, 2006 ikkommettew serq ta' apparat tal-hi-fi minn go vettura, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fi Triq l-1 ta' Novembru, 1950, il-Mosta, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-3 ta' Novembru, 2006 ikkommettew serq ta' apparat tal-hi-fi, hmistax-il compact disc, tliet nuccalijiet, umbrella blue, u oggetti personali ohra minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBD 798 ghad-dannu ta' Vanessa Borg, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fi Triq ir-Rumani, Santa Margerita, Mosta, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer nhar it-3 ta' Novembru, ikkommettew serq ta' apparat tal-hi-fi (Pioneer CD player) minn go vettura bin-numru tar-regitrazzjoni ABO 105 ghad-dannu ta' Nikolina Micallef, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. fi Triq il-Qronfol, San Gwann u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer nhar it-3 u l-5 ta' Novembru, 2006 ikkommettew hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Hyundai Getz bin-numru tar-registrazzjoni KBG 461 ghad-dannu ta' Anthony Cassar, liema hsara tammonta ghall-anqas minn hames mitt lira (Lm500.00), imma aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), kif ukoll hsara fuq vetturi

ohra u dan ai termini tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. fi Triq l-1 ta' Novembru 1950, il-Mosta, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-3 ta' Novembru, 2006 ikkommettew hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Hyundai Getz bin-numru tar-registrazzjoni IBD 798 ghad-dannu ta' Vanessa Borg, liema hsara tammonta ghall-anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00), imma iktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), kif ukoll hsara fuq vetturi ohra, u dan ai termini tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. fi Triq ir-Rumani, Santa Margerita, il-Mosta u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-3 ta' Novembru, ikkommettew hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Hyundai Getz bin-numru tar-registrazzjoni ABO 105 ghad-dannu ta' Nikolina Micallef, liema hsara tammonta ghal anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00), imma aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), kif ukoll hsara fuq vetturi ohra, u dan ai termini tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. fi Triq Ganu, Birkirkara u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-3 ta' Novembru ikkommettew hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Hyundai Getz, liema hsara tammonta ghal inqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00), imma aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), kif ukoll hsara fuq vetturi ohra, u dan ai termini tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. fi Triq il-Qronfla, San Gwann, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer nhar it-3 ta' Novembru ikkommettew hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Fiat Punto, bin-numru tar-registrazzjoni IBC 568 ghad-dannu ta' Mary Yvonne Caruana, liema hsara tammonta ghal anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.000), imma iktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), kif ukoll hsara fuq vetturi ohra, u dan ai termini tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. nhar l-4 ta’ Novembru, 2006 gewwa Triq il-Mensija, San Gwann minn gewwa Banka tal-Lottu numru 174 ikkommettew serq semplici ta’ telephone cards ghad-dannu ta’ Joseph Mary Cardona;

12. nhar is-7 ta’ Novembru, 2006 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghhu jew imexxu dawn l-oggetti, u dan ai termini tal-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

13. nhar is-7 ta’ Novembru, 2006 u fix-xhur ta’ qabel kellhom fil-pussess taghhom id-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinux fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-Disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinux bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija, u meta ma kinux b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollhom d-droga imsemmija fil-pussess taghhom, u naqsu li jippruvaw li d-droga imsemmija kienet giet fornuta lilhom ghall-uzu esklussiv taghhom skond ir-ricettta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghall-uzu esklussiv taghhom;

14. talli kisru l-kundizzjonijiet moghtija lilhom b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

**Lil Keith Bezzina wahdu** talli nhar is-7 ta’ Novembru, 2006 gewwa Triq l-Ghajn Baqar, Tas-Saghjtar, Naxxar, u f’inhawi ohra f’dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta’ hi-fi minn go vettura, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur, u bix-xorta tal-

haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kkommetta hsara volontarja fuq vettura, liema hsara tammonta ghall-inqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00), imma aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), kif ukoll hsara fuq vetturi ohra, u dan ai termini tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Lil Lineker David Micallef** talli:

1. Nhar is-7 ta' Novembru, 2006, ghall-habta tas-5.45pm, gewwa Triq Dun Karm, Birkirkara, dolozament, bil-hsieb li jisraq vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBF 989 tal-ghamla Hyundai Getz, u apparat tal-hi-fi ghad-dannu ta' Mario Ciantar, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni w ghad-delitt, liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, liema delitt hu aggravat bil-mezz, valur u lok;

2. nhar is-7 ta' Novembru, 2006 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta (turnavit), minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizjia.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 41, 261, 267, 270, 271(g), 325(b), 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 8(a) u 9 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u ordnat li jitqieghdu taht ordni ta' probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti ordnat ukoll li bhala parti mill-ordni ta' probation immedjatament jibdew program ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga w jtemmuh b'success. Ghal dan il-ghan, ghandhom jattendu ghal laqghat regolarment mal-ufficjali tal-probation u jsegwu l-istruzzjonijiet hekk moghtija lilhom, b'dan illi jekk ifallu imqar wahda, l-ufficjali

huma awtorizzati jirraportaw direttament lill-Qorti sabiex jittiehdu l-misuri u l-provvedimenti kollha mehtiega jekk ikun il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-22 ta’ Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellati hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u tirrevokaha w thassaraha f’dik il-parti fejn qeghdet lill-appellati taht ordni ta’ probation ghal zmien tlett snin u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, Avukat Generali jikkonsisti filli l-pieni erogata mill-Ewwel Qorti ma kienetx fix-xorta jew kwantita’ taghha dik kontemplata fil-ligi ghar-reati li fuqhom l-imputati gew ikkundannati, ghar-ragunijiet segwenti :- li mill-fedina penali taz-zewg appellati jirrizulta li huma kkommettew reati kriminali precedentement ghal dan il-kaz. Lineker David Micallef kien gja mqieghed taht ordni ta’ probation b’ sentenza w inghata sentenza sospiza ta’ prigunerija ta’ sitt xhur sospizi ghall-erba snin b’ sentenza ohra. Keith Bezzina kien tqieghed taht ordni ta’ probation f’ okkazzjoni wahda, rega tqieghed taht probation f’ okkazzjoni ohra w rega’ gie mqieghed taht ordni ta’ probation b’ sentenza ohra. Ghalhekk jigi li r-reati li ammetta Linecker David Micallef gew kommessi fil-periodu operattiv ta’ sentenza sospiza w kwantu ghal Keith Bezzina fil-periodu li fih kien taht ordni ta’ probation. Fil-kaz ta’ Bezzina, stante l-ammissjoni tieghu, kellhom ikunu applikabbli l-artikolu 21 u 23 tal-Kap.446 u ghall-Micallef kien applikabbli l-artikolu 28B.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat ir-Risposta pprezentata mid-difensur ta’ Keith Bezzina fl-udjenza tad-29 ta’ Marzu, 2007, fejn issottometta li l-appell fil-konfront tieghu kien null.

Rat il-verbal tal-istess data li bih Dr. Chris Cardona assocja ruhu ma Dr. Joseph Brincat dwar l-eccezzjoni tan-nullita’ ta’ l-appell u talab li hu wkoll jaghmel nota biex jispecifika kif in-nullita’ teffettwa l-appell fir-rigward ta’ Lineker Micallef.

Rat il-verbal tal-istess data li bih Dr. Anthony Barbara, ghall-prosekuzzjoni ddikjara li l-appell mhux irritwali stante li sar skond il-ligi peress li l-interpretazzjoni ta’ “piena” tinkludi kull provvediment li talvolta jista’ jinghata mill-Qorti inkluz probation u sentenza sospiza, w irrizerva li jipprezenta nota.

Rat in-Nota ta’ l-appellat Lineker David Micallef tal-11 t’ April, 2007, fejn issottometta li l-appell ta’ l-Avukat Generali huwa wiehed irritu w null, ghar-ragunijiet spjegati fir-risposta tal-appellat Bezzina.

Rat in Nota ta’ Sottomissjonijiet ta l-Avukat Generali tat-12 t’ April, 2007;

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat in Nota ta’ riferenzi tal-appellat Keith Bezzina tal-10 ta’ Mejju, 2007;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tas-17 ta’ Mejju, 2007 biex il-Qorti, qabel ma tghaddi ghas-sentenza, tkun tista’ tiehu l-ahhar informazzjoni aggornata minnghand il-Probation Officer u l-Ufficjal tas-Sedqa dwar xi progress,o meno, li qed jaghmlu l-appellati.

Semghet ix-xiehda tal-Probation Officer Marietta Lanzon u tal-Ufficjal tas-Sedqa Mary Tabone waqt l-istess udjenza;

Ikkonsidrat;

Illi ovvjament l-ewwel punt li jrid jigi deciz hu l-pregudizzjali sollevata miz-zewg imputati appellati dwar l-irritwalita’ w nullita’ tal-appell tal-Avukat Generali.

Fin-nota ta' l-appellat Bezzina li maghha aderixxa d-difensur ta' l-appellat Micallef, jintqal li l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda argument li l-piena applikabbli kienet taqbez is-seba (7) snin u li ghalhekk ma kienx applikabbli il-Kap.446. Dan apparti li hu applikabbli ukoll l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali ghax l-appellat Bezzina hu minorenni. L-artikolu 21 citat mill-Avukat Generali ma japplikax ghall-kaz u japplika biss meta, waqt li jkun hemm probation order ghaddejja, l-Qorti jkollha rapport li l-*probationee* ma jkunx qed joqghod ghall-kondizzjonijiet. Allura *motu proprju* ssejjahlu quddiemha, wara li jkun sar rapport u tali procedura tista' ssir fi zmien tlett xhur mir-rapport. Umbaghad l-art. 23 (2), apparti l-lakuna manifesta fit-test Malti tal-ligi, jeskludi biss l-ghoti tal-provvediment ta' l-artikolu 22(1) u bl-ebda mod ma jeskludi l-Artikolu 7 (1) li tahtu gie trattat l-appellat Bezzina fis-sentenza appellata.

Fit-tieni lok in-Nota tghid li l-Avukat Generali qed isejjes id-dritt ta' appell – u dan hu l-uniku aggravju tieghu – fuq li giet moghtija piena. Inghata trattament u mhux piena. *Probation order* ma titqiesx piena. Lanqas ghall-fini tar-recidiva ma titqies piena. Jekk l-ilment huwa dwar piena w piena ma hemmx, allura l-Avukat Generali ma jistax jilmenta fuq l-kwalita' taghha w l-anqas fuq il-kwantita' taghha.

Fin-Nota tieghu fuq imsemmija, l-Avukat Generali rribata kif gej :- Li fil-kaz ta' Keith Bezzina l-piena erogabbli ghar-reati *de quo* tohrog mill-ligi . Ghalkemm hu applikabbli l-art. 37 tal-Kap.9 stante li Bezzina kien ghadu minorenni li skorra l-erbaghtax il-sena, tali artikolu jippreskrivi tnaqqis mill-piena bi grad jew tnejn u ma jimpurtax jew jimponi obbligu fuq il-Qorti li tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Kap.446. L-artikolu 21 tal-Kap.446 hu applikabbli fir-rigward tas-subinciz 2 tieghu li, a differenza tas-subinciz 1 ma jispecifikax il-procedura li biha l-Qorti tkun tista' tigi sodisfatta li jkun sehh ksur ta' ordni ta' probation, ossia ta' sanzjoni fil-komunita'. Il-prosekuzzjoni semmiet car fl-akkuza li l-imputati appellati kienu kisru kondizzjonijiet moghtija lilhom b' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula u

ghal dawn l-akkuzi kien hemm l-adezjoni ta’ l-imputati riflessa fl-ammissjoni taghhom.

Ghalkemm l-Avukat Generali jikkoncedi li t-test Malti ta’ l-artrikolu 23(2) pubblikat ma jsegwix, it-test ingliz jaqra b’ mod li hu applikabbli ghal kaz ta’ Bezzina peress li ma jirriferix biss ghall-ordni mahruga taht l-artikolu 22(1) kif jippretendi Keith Bezzina, imma evidentement ukoll ghall-ordni mahruga taht l-art. 7, cioe’ ordni ta’ probation in kwantu skond l-art. 2 , sanzjoni komunitarja (community sanction) tinkludi ordni ta’ probation bhal dik moghtija f’ dan il-kaz. B’ hekk id-divjet previst taht l-artikolu 23(2) japplika wkoll fil-konfront ta’ ordni moghtija taht l-art. 7 tal-Kap.446.

L-Avukat Generali qal ukoll li l-appell tieghu kien sar kemm a bazi tal-art. 413 (1) (b) (iii) kif ukoll tal-art. 413 (1) (c). F’ dan il-kaz l-applikazzjoni ta’ ordni ta’ probation giet maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) taht l-art. 7 tal-Kap. 446 li ghandu dicitura differenti minn dik prevista taht l-art. 22 (1) tal-Kap.446. Fi kwalunkwe kaz dawn il-Qrati accettaw appelli maghmula mill-Avukat Generali konsegwenti sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati u li kienu jittrattaw ordnijiet ta’ probation u msejjsa fuq “il-piena”. Dan peress li t-terminu “piena” msemmi fl-artikolu 413 (1) (b) (iii) ghandu jiftiehem ukoll li jinkludi “trattament”, b’ mod partikolari meta tali trattament ma jkunx idoneju w meta sahansitra ma jkunx jista’ jinghata skond il-ligi bhal f’ dan il-kaz.

Ikkonsidrat ;

Illi jibda’ biex jigi precizat li r-reati dedotti kontra l-imputati appellati konsistenti f’ serq plurimu aggravat, hsarat volontarji, ricettazzjoni, pussess tad-droga eroina w tentattiv ta’ serq aggravat, zgur li fil-massimu tal-piena applikabbli ghalihom kollha huma reati li johorgu mill-kompetenza ordinarja tal-Qrati tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif jiddisponi l-artikolu 370 (1) tal-Kodici Kriminali. L-unici zewg reati li ma jeccedux din il-kompetenza huma dak ta’ serq semplici li nsibu fl-imputazzjoni numru hdax (11) kontra z-zewg appellati w l-

ahhar reat dedott kontra l-appellat Lineker David Micallef wahdu w cioe' dak li zamm u garr strument li jaqta' w bil-ponta (tornavit) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, li kif kienet il-ligi fiz-zmien tal-allegat reat kien punibbli b' massimu ta' tlitt xhur prigunerija skond l-art. 13 (1) tal-Arms Ordinance (Kap.66 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghalhekk id-dritt ta' appell tal-Avukat Generali, fil-kaz ta' dawn l-ahhar zewg reati johrog mill-artikolu 413 (1) (b) (iii) tal-Kodici Kriminali, w fil-kaz tar-reati l-ohra kollha johrog mis-subinciz (c) tal-artikolu 413 (1), li bl-emenda recenti jaghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali b'mod generali w minghajr il-limitazzjonijiet li altrimenti nsibu fl-art 413(1) (b), pero' dan id-dritt generali ta' appell ovvjament jinkludi fih id-dritt ta' appell ghar-ragunijiet komprizi fl-art. 413 (1) (b) ukoll.

Illi ghalkemm id-dicitura adoperata fir-rikors tal-appell mill-Avukat Generali tekeggja dik tal-art. 413 (1) (b) (iii), hu ma ccitax specifikatament dan is-sub inciz bhala l-bazi ta' l-appell tieghu fir-rikors tal-appell w ghalhekk din il-Qorti tifhem li fil-fatt l-appell qed isir kemm taht is-sub-sub inciz (1) (c) tal-imsemmi artikolu, kif ukoll taht is-subinciz (1)(b) (iii), kif del resto anki spjega l-istess Avukat Generali fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Illi l-artikolu 413 (1) ( c ) b' ebda mod ma jillimita d-dritt tal-appell tal-Avukat Generali w ghalhekk din il-Qorti tara li hu applikabbli kemm ghal decizjonijiet ta' sejbien jew nuqqas ta' sejbien ta' htija, ta' pieni bhal prigunerija, multi, sospensjonijiet ta' licenzji, eccetera w anki ta' xi provvedimenti ohra bhal ma jistghu jkunu provvedimenti maghmula jew moghtija skond il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta jew skond l-art. 28A et seq. tal-Kodici Kriminali. *Ubi lex non distinguit, ne nos distinguere debemus*.

Illi, pero' l-appellati qed jargumentaw ukoll li huma ma nghatawx piena fil-fatt ghaliex il-provvediment tal-probation ma jammontax ghall-"*piena*" w ghalhekk, meta l-Avukat Generali qal li qed jappella mill-"*piena erogata*", ma kienx korrett. Illi ghalkemm kif inghid l-aggravju dedott mill-appellat kien li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kienetx fix-xorta jew kwantita' taghha ikkontemplata fil-ligi,

t-talba saret ghar-revoka ta’ dik il-parti tas-sentenza appellata fejn qeghdet lill-appellati taht ordni ta’ probation u minnflok tinfliggi l-piena skond il-ligi. Ghalhekk it-talba hija redatta f’ termini precizi legalment u zgur li ma twassalx ghal xi nullita’, anki jekk forsi kien ikun ahjar li l-ordni tal-probation moghti mill-Ewwel Qorti gie deskritt bhala *“provvediment*” minnflok bhala “*piena”* fir-rikors tal-appellant.

Fejn il-ligi riedet timponi rekwiziti li n-nuqqas tal-osservanza taghhom necessarjament iwassal ghan-nullita’ tal-appell, dan ghamlitu fl-artikolu 419.

Ghalhekk l-eccezzjoni tan-nullita’ jew irritwalita’ tal-appell sollevata miz-zewg appellati ma tidhirx fondata w qed tigi respinta, salv umbaghad s’ intendi jekk tali aggravji bhal dawk dedotti mill-appellant fil-mertu jwasslux biex tigi riformata s-sentenza appellata jew le.

Illi l-asserzjoni tal-appellati li *probation order* ma titqiesx piena ghall-fini tar-recidiva ma tirrizultax mill-artikolu 52 tal-Kap. 9 li jelenka l-kazijiet li ma jitqiesux ghall-fini tal-artikoli tar-recidiva. Veru li l-artikolu 25 tal-Kap.446 jiddisponi li dikjarazzjoni ta’ htija li dwarha ssir ordni taht dak l-Att li bih il-hati jitqieghed taht sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-hati ghal kollox jew kondizzjonatament ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta’ htija ghall-ebda fini li jkun hlief ghall-finijiet tal-proceduri li fihom isir l-ordni u ta’ kull procedura sussegwenti li tista’ tittiehed kontra l-hati taht l-Att u hlief ghall-certi konsegwenzi fil-konfront ta’ ufficjali pubblici li mhumiex rilevanti ghall-kaz in ezami, u hlief jekk fil-kaz ta’ hati maggorenni sussegwentement jinghata sentenza ghal dak ir-reat. Imma kull mhu qed jinghid hawn hu biss li meta jinghata xi provvediment skond dan il-Kap.446, ma jitqiex li jkun hemm “*conviction*” ossia dikjarazzjoni ta’ htija ghar-reat li jkun u mhux li ma tkunx inghat piena.

Issa fil-waqt li l-artikolu 7 tal-Kap. 446, jiddisponi li Qorti tista’ minnflok taghti “**sentenza”** dwar il-hati, taghmel ordni ta’ probation u l-artikolu 11 jghid li l-Qorti tista’, minflok taghti **sentenza ta’ prigunerija** lill-hati, tordna lill-

hati li jitqieghed taht ordni ta' servizz fil-komunita', l-artikolu 22 biss jiddisponi li meta Qorti jkollha l-fehma li "*ma jkunx spedjenti li twahhal* ***piena***", il-Qorti tista' taghmel ordni li biha tillibera lill-hati ghal kollox jew kondizzjonatament. Minn dan l-kliem johrog car li ma tkunx qed tinghata piena fil-kaz biss ta' liberazzjoni ghal kollox jew kondizzjonata skond l-art. 22 u li allura *arguendo a contrario sensu*, meta Qorti taghmel ordni ta' probation – kif ghamlet f' dan l-kaz - tkun qed taghti "*piena*".

Ghalhekk l-argument tad-difiza li f' dan il-kaz ma kienx hemm "*piena*" u li ghalhekk l-Avukat Generali ma setax jappella mill-piena erogata, ghax piena ma kienx hemm, huwa nfondat u qed jigi respint

Ikkonsidrat;

Illi trattandosi ta' talba biex minnflok ordni ta' probation, tinghata piena skond il-ligi, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999], "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.) Dan il-principju japplika ugwalment meta l-appellant ikun l-Avukat Generali .

Ikkonsidrat;

Illi mill-verbal a fol. 41 jidher li dak in-nhar li l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza, apparti l-Ispettur K.J. Farrugia, kienu dehru l-Ufficjali tal-Probation, Vicky Grech u Marietta Lanzon u Mary Tabone, rapprezentant tas-Sedqa. Illi ma jirrizultax mill-atti li l-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti ghamlet xi sottomissijonijet jew talbiet specifiki dwar il-piena erogabbli, jew li opponiet ghal xi provvediment moghti taht il-Kap. 446, qabel ma nghatat is-sentenza. Dana nonostante li, skond il-motivazzjoni tas-sentenza mill-Ewwel Qorti, l-Ufficjali tal-Probation xehdu

dwar l-andament taz-zewg imputati w irrakkomandaw bis-shih li l-imputati jinghataw ordni fil-kommunita' ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446 minnflok piena karcerarja kif ukoll nonostante li r-rapprezentant tal-Agenzija Sedqa kienet stqarret li l-imputat Micallef kien gja beda jipprepara biex jibda' programm ta' riabilitazzjoini mid-dipendenza fuq id-droga u ghalhekk ikun tajjeb li ma tinghatax piena karcerarja. Wiehed ghalhekk legittimament jistaqsi : fejn kienet il-Prosekuzzjoni dak-inhar waqt li kienu qed isiru dawn ir-rakkomandazzjonijiet u ghaliex tidher li baqghet siekta ghal kollox u ma vverbalizzatx l-oppozizzjoni taghha ghal dawn ir-rakkomandazzjonijiet fil-mument opportun u cioe' qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata?

Illi din il-Qorti hasset il-htiega li tisma' lil Probation Officer Marietta Lanzon u lill-Ufficjal tas-Sedqa Mary Tabone.

**Mary Tabone** xehdet li l-appellat Lineker Micallef issa dahal fi programm strettament residenzjali ta' ri-abilitazzjoni mill-vizzju tad-droga f'Santa Maria, Hal Luqa w ilu issa hemm erba xhur u nofs u sejjer tajjeb hafna. Hi tarah xi hames jew sitt darbiet fil-gimgha . Fadallu sena fil-parti residenzjali tal-programm u wara ikollu jaghmel hames xhur ohra fil-parti tar-*re-entry* tal-programm.

**Marietta Lanzon** xehdet li l-appellat Keith Bezzina fid-9 ta' Jannar, 2007 kien beda programm tar-riabilitazzjoni mil-vizzju tad-droga w fadallu sena residenti hemm biex jispicca l-programm. Hi osservat kambjament enormi fl-appellat u zviluppa sens ta' maturita' . Ghandu ukoll "support" mill-familja biex jirbah il-vizzju tad-droga.

Illi l-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, mmotivat sew id-decizjoni taghha li ma timponix piena karcerarja u li tpoggi lill-appellati taht Ordni ta' Probation w ma jidhirx li ghamlet dan minghajr konsiderazzjoni serja tal-aspetti kollha tal-kaz.

Illi f' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ssibha difficli ferm li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti filli poggiet lil dawn iz-zewg zaghzagh taht probation u b' hekk tathom l-

ahhar opportunita’ biex jirriformaw ruhom u jehilsu mill-vizzju tad-droga darba ghal dejjem, minkejja s-sensiela ta’ reati li huma kommettew u li ghalihom normalment zgur li hija indikata l-piena karcerarja.

Mill-banda l-ohra pero’ trid tkun zgura li din l-opportunita’ li qed tinghatalhom tittiehed bis-serjeta miz-zewg appellati b’ mod li jkunu jafu li jekk, bl-icken mod, jiksru il-kondizzjonijiet tal-probation huma ser ikollhom jiffaccjaw ir-riguri kollha tal-ligi appena xi nuqqas jigi rapportat lil din il-Qorti. Ghalhekk fil-waqt li qed tikkonferma l-provvediment moghti mill-Ewwel Qorti, qed timponi kondizzjonijiet godda fl-Ordni tal-Probation anness ma din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi qed tiddisponi mill-appell tal-Avukat Generali billi tiffiforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn, fuq ammissjoni, sabet lill-appellati hatja tal-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom u fejn ordnat li l-appellati jitqieghdu taht ordni ta’ probation ghal zmien tlitt snin ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ dana pero’ li qed tvarja l-istess sentenza billi fil-Probation Orders flimkien mall-kondizzjonijiet imposti fuq iz-zewg appellati fis-sentenza appellata, din il-Qorti qed izzid kondizzjonijiet ohra li jidhru fil-Probation Orders godda li qed jigu mehmuza ma din is-sentenza w li qed jigu spjegati fid-dettall mill-Qorti liz-zewg appellati .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------